# Niċeċ

## *(Espressjoni ta' Fidi)*

*Kitba ta' Redent Farrugia*



Tradizzjonalment, il-Maltin minn dejjem kienu Kattoliċi reliġjużi, iżda bosta drabi dawn ħallew is-superstizzjoni taħkimhom. Il-bini ta' niċeċ għandu tifsira kemm reliġjuża kif ukoll dik tas-superstizzjoni. Il-biċċa l-kbira tan-niċeċ huma ddedikati lil Ġesù Kristu jew lill-Madonna, għalkemm hawn oħrajn li huma ddedikati lill-qaddisin, bl-aktar popolari jkun il-patrun ta' dak r-raħal jew dik il-belt. Hekk jikteb Victor Scerri fil-ktieb tiegħu *Niċeċ u Statwi fil-Belt Valletta*.

Jekk wieħed kellu jagħti kas l-arkitettura antika tagħna l-Maltin, u f'dan il-każ anke l-arkitettura wżata fir-raħal pittoresk tal-Gudja, jsib li din hija fil-maġġoranza tagħha, rikka u sabiħa, anzi kultant issib li tkun ta' kwalità għolja f'dik li hi sengħa. Dan u aktar, joħroġ fid-deher meta wieħed josserva u jagħti ħarsa lejn il-ħafna niċeċ u gallarijiet li għandna jżejnu ħafna mill-bini antik tagħna matul id-diversi toroq fil-Gudja. Huwa dnub li hemm xi wħud minn dawn fi stat xi ftit mitluq u li qed tiġrilhom ħafna ħsara, u li jekk ma nikkultivawhomx issa qabel għada, se jiġi żmien meta nfittxuhom u ma nsibuhomx. Ħafna minn dawn in-niċeċ kien ikollhom fanal poġġut quddiemhom u kien iservi kemm bħala devozzjoni u wkoll biex idawwal xi ftit it-triq wara nżul ix-xemx meta d-dawl elettriku kif nafuh illum ma kienx jeżisti fit-toroq tagħna. Għaldaqstant xi ftit jew wisq dawn in-niċeċ fl-antik kienu jiġu kkurati.

Jidher li din id-drawwa tan-niċeċ daħlet f'Malta mill-Kavallieri u nbdiet fil-Kottonera, l-Imdina u l-Belt Valletta, il-postijiet fejn kienu jabitaw huma. Wara tkompliet mill-bennejja Maltin li kienu jħallu post prominenti mal-faċċata jew mal-kantuniera tal-bini biex fihom jitpoġġew statwi għall-finijiet li semmejna aktar 'il fuq. Illum l-aktar li nsibu dawn in-niċeċ huwa fil-partijiet antiki tar-raħal. Madankollu nistgħu ngħidu li tkun ħasra li meta jitwaqqa' bini qadim biex minfloku jittella' bini ġdid, ma tiġix rikostitwita n-niċċa li kien ikun hemm qabel. Ħafna drabi din tiġri minħabba spejjeż u minħabba wkoll li ftit huma dawk l-artisti li għadhom jaħdmu statwi fuq il-ġebel jew pitturi bħal ma kienu Lorenzo Gafà, Karlu Darmanin, Mattia Preti, Stefano Erardi, Rokku Buhagiar, Alessandro Farrugia u oħrajn inqas popolari.

Victor Scerri fil-ktieb tiegħu jkompli jgħid li ħafna minn dawn in-niċeċ bosta drabi ntużaw bħala punt ta' referenza, u servew ta' indikazzjoni ta' fejn toqgħod it-tali persuna. Jgħid ukoll li xi wħud min-niċeċ tagħna għandhom taħthom iskrizzjoni li tgħid li kull min ilissen xi talba hekk kif jieqaf quddiemhom, tingħatalu indulġenza u jissemmew il-jiem ta' kemm u għalkemm tgħodd dik l-indulġenza. (Biex wieħed jifhem aħjar, l-indulġenza hija speċi ta' maħfra ta' parti miż-żmien li r-ruħ kellha ddum fil-purgatorju, tissaffa qabel it-tkomplija tal-vjaġġ tagħha lejn il-Ġenna.)

Fil-parroċċa Arċimatriċi tagħna, wara li fis-sena 1727 kienet ġiet imwaqqfa l-Fratellanza taħt it-titolu tal-Madonna taċ-Ċintura u biex juru d-devozzjoni kbira li missirijietna kellhom lejn il-Madonna taħt it-titlu taċ-Ċintura, huma kienu rsistew biex din il-qima joħorġuha anke 'l barra mill-knisja parrokkjali u għalhekk poġġew statwa ta' l-istess Madonna taċ-Ċintura fil-kantuniera bejn Triq Raymond Caruana, dak iż-żmien Triq il-Kbira, ma' Triq l-Annunzjata. Din in-niċċa tinkludi xogħol sabiħ, b'mod speċjali fid-disinn taż-żewġ skrataċ mibruma waħda kontra l-oħra li jiffurmaw il-frontispizju. Din in-niċċa hija wkoll imżejna bl-indulġenzi mogħtija fis-sena 1839 lil kull min jitlob quddiem ix-xbiha sabiħa tal-Madonna taċ-Ċintura.

Din l-istatwa hi xogħol tal-magħruf Mastru Alessandro Farrugia miż-Żejtun, li kien skultur imfittex ħafna fis-seklu l-ieħor.